MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. LAURENCE QUINTANO

Seduta tas-6 ta' April, 2005

Numru. 905/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**versus**

**Joseph Mercieca**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Joseph Mercieca ta' 56 sena, iben il-mejjet Fortun u l-mejta Carmena nee Cremona imwieled ix-Xaghra (Ghawdex) fil-21 ta' Settembru, 1947 u joqghod 1, Triq ic-Cahaq, Saint Paul's Bay u detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 77447(G).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, go San Pawl il-Bahar, u bnadi ohra nhar it-22 ta' Settembru, 2001 u fix-xaghrejn ta' qabel din id-data kellek fil-pussess tieghek ir-raza mehuda mill-pjanta tal-cannabis jew xi preparazzjonijiet li

jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta’ l-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Akkuzat ukoll talli kellek fil-pussess tieghek ir-raza mehuda mill-pjanta tal-cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta’ l-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga ma kinitx ghall-uzu personali tieghek.

Akkuzat ukoll talli kellek fil-pussess tieghek munizzjoni, 20 balla, kalibru 9mm minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, bi ksur ta’ l-artikolu 3 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Akkuzat ukoll talli kellek fil-pussess tieghek arma tan-nar, tat-tip pistola tal-marka Cady K, kalibru 9mm minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, bi ksur ta’ l-artikolu 3 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Akkuzat ukoll talli fit-22 ta’ Settembru 2001 wara tfittxija li saret mill-Ufficjali tal-Pulizija fis-Sunshine Supermarket u l-imhazen ta’ magenbu, fi Triq Paderborn, Bugibba, u kif ukoll fir-residenza msemmija hawn fuq, ilkoll ta’ l-imsemmi Joseph Mercieca nstab li dik il-gurnata u/jew fix-xhur ta’ qabel, xjentement kellek fil-pussess tieghek u/jew depozitati ghandek, u/jew kif ukoll esponejt ghall-bejgh sigaretti bla dazju, fi kwantita` kif deskritt fin-Nota ta’ Qbid 60/2002 hawn hekk annessa.

Akkuzat ukoll talli fl-istess perjodu ta’ zmien, post u cirkostanzi, xjentement kellek x’taqsam filli b’xi mod iddisponejt kontra l-ligi minn sigaretti ta’ din ix-xorta u dan bi hsieb illi bil-qerq stajt tahrab milli thallas id-dazju u/jew xi xorta ohra ta’ taxxa ohra dovuta fuq dawn is-sigaretti, ghad-dannu tal-Gverrn ta’ Malta, u
Akkuzat talli kif ukoll, fl-istess gurnata, post u cirkostanzi, dakinhar u/jew fix-xhur precedenti, xjentement kellek fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghek, arma tan-nar tat-tip pistola tal-marka Cady K, kalibru 9mm PA Cat 9973, manifatturata l-Italja, numru tas-serje B 05470, kompluta bil-magazin u ghoxrin (20) balla ta’ l-istess kalibru, kif jidher fl-istess Nota ta’ Qbid 60/2002.

Akkuzat talli xjentement kellek fil-pussess tieghek u/jew taht il-kontroll tieghek, 580 kartuna b'200 sigarett kull kartuna ta' marka varija bil-hsieb li tiffroda l-Gvern minn dazju u taxi li jkunu jmissu jithallsu u/jew biex tinheles minn xi limitazzjoni, u/jew billi b'xi mod tiddisponi minnhom.

Akkuzat ukoll talli dawn is-sigaretti, li l-importazzjoni u l-pussess taghhom huma projbiti u/jew ristretti u/jew kif ukoll limitati, ghandhom valur ta' Lm1,327.70, dazju tas-Sisa dovut ta' Lm3,481.17 u wkoll Taxxa mposta ta' Lm575.96,3 filwaqt li l-pistola u l-balal ghandhom valur totali ta' Lm83 dazju, ta' Lm4.21c6 u taxxa fuq il-valur mizjud totali li jammonta ghal Lm820.80,7, liema dazju u taxi ma gewx imhallsa u/jew kawtelati.

Rat l-atti kollha tal-process inkluz il-kunsens ta' l-Avukat Generali taht il-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat hlief ghat-tieni imputazzjoni fil-parti fejn hemm il-kliem 'liema droga ma kinitx ghall-uzu personali tieghu.'

Rat li l-imputat ikkonferma l-ammissjoni kwalifikata tieghu wara li nghata zmien jahsibha.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tghid li ma kellhiex provi dwar dik il-parti tat-tieni imputazzjoni fejn tghid 'liema droga ma kinitx ghall-uzu personali tieghu.'  Oltre dan il-Qorti nnotat li fl-istqarrija tieghu l-imputat mill-ewwel qal li l-haxixa kienet ghall-uzu personali tieghu waqt li l-ammont indikat kien zghir hafna.  L-imputat spjega wkoll li r-romblu tal-foil kien juzah biex ihejji l-packed lunches.  Ghaldaqstant, din il-qorti hija moralment konvinta li m'hemmx provi soddisfacenti ghall-imputazzjoni (b) u gialadarba m'hemmx prova tal-pussess aggravat, din l-imputazzjoni ssir repetizzjoni ta' l-ewwel imputazzjoni kelma b'kelma. Il-Qorti qed tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni.

Stante l-ammissjoni ta' l-imputat kif ukoll dak li ntqal fil-paragrafu precedenti, l-imputazzjonijiet (a), (c), (d), (e), (f), (g), (h) u (i) huma ppruvati skond il-Ligi.

Il-Qorti wara li rat l-artikoli 17(b) u 28A tal-Kap 9, 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101, l-artikolu 3(1) u 19 tal-Kap 66, l-artikoli 60(a), (b), (c), (e), (k) u 62 (a), (b), (c), (e), (f), (g), (h), (i) u (k), paragrafu (a) tal-Proviso ta' l-artikolu 62 ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap 37, l-artikoli 16(j) u (l) u 17 ta' l-Att XVI ta' l-1995 dwr id-Dazju u s-Sisa, kif ukoll l-artikolu 80 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Numru XXIII ta' l-1998) issib l-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet (a), (c), (d), (e), (f), (g), (h), u (i) qed tilliberah mill-imputazzjoni (b).

Bhala piena, il-Qorti qed tqis l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, il-koperazzjoni tieghu mal-Pulizija, kif ukoll il-fedina penali nadifa tieghu. Il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ghal tmien (8) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn kif ukoll ghall-hlas ta' multa ta' sebat elef, seba' mija u tliet liri Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm7,703.55).

Il-Qorti spjegat l-artikolu 28A tal-Kap 9 lill-imputat fi kliem semplici.

Il-Qorti qed tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha maqbuda (kemm sigaretti, armi u balal u kull haga ohra maqbuda) waqt li qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur tal-Qorti.

Il-Qorti qed tordna li jekk il-multa ma tithallasx, terz minnha hija dovuta bhala dejn civili lill-Gvern ta' Malta.

Minhabba li l-imputat bhal issa jinsab bla xoghol, il-Qorti qed taghtih il-fakolta` li jhallas il-multa bir-rati mensili ta' mitejn u ghoxrin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm220.20) fix-xahar, bl-ewwel pagament isir fi zmien erba' gimghat mill-lum.

F’kaz li l-multa ma tithallasx, din tinbidel f’perjodu ta’ prigunerija ta’ ghaxar xhur skond il-proviso tas-sub-paragrafu 3 ta’ l-artikolu 11 tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------